MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2010

Numru 1314/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Khalil Doumbia**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta’ Khalil Doumbia ta’ disgha u ghoxrin sena (29) iben Musah u Fenda, imwieled Ivory Coast fl-1 ta’ Jannar 1981 u residenti Tent Village f’Hal Far Centru Miftuh, Hal Far, dententur ta’ Numru tal-Pulizija 08II-002, talli: f’Dicembru 2009 u fix-xhur ta’ wara, f’Malta imbarka minn Malta minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha ta' dan il-kaz;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuza migjuba kontra tieghu u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;
Wara li semghet l-ammissjoni ta' htija ta' l-imputat ghall-akkuza migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li issib lill- imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat kif ukoll il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wera ruhu ddispjacut ta' l-agir tieghu;

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 28 u 32(1)(g) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena (1) habs izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi hemm lok li tinghata sentenza sospiza, a tenur ta' l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' sena (1) habs ghal erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------